# IL-POËZIJA TA' DUN KARM

## (WARD IEĦOR)

*(jorbot mal-għadd ta' Frar)*

It-tieni taqsima tmur taħt l-isem ta' "Mill-Għana tal-Ħajja", ġabra ta' poeżijiet marbutin mal-ħajja tal-poeta, tifkiriet ta' snîn mgħoddija. F'din it-taqsima l-ewwel li tolqotna hi l-poeżija "Lil-Kanarin Tiegħi", ta' siwi kbir, għax marbuta sħieħ mat-tiġrib tal-poeta, tifkira ta' żmien ikraħ meta l-ħajja donnha biex tinkih, sabtitlu l-bieb ma wiċċu u ħallietu fil-bard, bla Omm, bla ħbieb, mal-Kanarin biss!.. Il-Kanarin, (sbuħija mfassla minn ħsieb Alla biex ifarraġ il-ħajja,)—ifesdaq għana fuq għana, bħal ħalla ta' ħlewwa fuq oħra, mibrumin, f'xulxin jgħaqqdu għanja waħda, bnina, ħelwa. Dan l-għasfur ma jista' jifhem qatt liema wġigħ ta' qalb biddel il-ħabib tiegħu, Dun Karm, imbikki għal mewt t'Ommu. Taqra l poeżija, tistħajlek tisimgħu jitħaddet waħdu mal-Kanarin, żmien ilu:

X'kien li laqqgħana f'din id-dâr hekk ħiemda  
Inti forsi ma tafx, għasfur lelluxi:  
U inqas taf il-għaliex, meta jien noħroġ  
Għax-xogħol fil-għodu, il-bieb niġbed warajja  
U bil-moftieħ insakkru, u l-ebda mixi  
U l-ebda nifs ma tisma' qabel narġa  
Indawwar il-mofteiħ u nidħol jiena.

X'għajja ta' uġigħ il-qalb titrigħed f'dawn il-kelmiet! Imma hu ma jgħirx għas-sehem tal-għasfur ħieni, għax it-tama f'kelmiet Kristu, qawwietlu qalbu, rabtitlu ir-rieda tiegħu ma dik t'Alla. Għaliex il-qawma għal ħajja ġdida wara l-mewt għandha ġġiblu l-ħlas ta' dawk li jieħdu kollox bis-sabar. Għalhekk fost l-imrar ta' ħajja msawta l-poeta jgħid lil Kanarin:

Naf illi bosta drabi il-ħobż li niekol  
Huwa mxarrab bid-dmugħ, u flok il-kelma  
Xi darba bla ma rrid, toħroġ tnehida,  
Għaliex fejn żrajt il-ward kiber bil-kotra  
Xewk u għollieq, u min bi mħabbtu safja  
Sata isabbarni, intemm qabli ġo l-qabar;  
Imma naf illi id-dmugħ miżrugħ fid-dinja  
Irodd ferħ fis-smewwiet, u wara dina  
Il-ħolma li ngħidulha ħajja, tiġi  
Il-qawma mill-imwiet fid-dawl ta' dejjem

Żewġ poeżijiet sbieħ maħdumin b'sengħa, reqqa ta' kliem huma "Walidi..." u "il-Liedna". Niġbed xi versi mill-ewwel waħda, li, meħuda kollha kemm hi f'daqqa, turi kif Dun Karm

waħdu, "fuq xifer ta' blata", jiġri bil-ħsieb waqt l-ewwel żmien tat-tfulija; żmien ħelu, meta mid-dinja ma' għandek xejn ħlief il-waqt li fieh int tidħaq, u titbaħrat ma' sħabek bħal għażżiela tax-xagħri:

"Meta kollox hu safi mill-ħtija,
Meta kollox ma' qalbna jinġieb."

Jgħid il-poeta għal dak iż-żmien:

Ftakart fikom, ja siġar li ddellu
Fuq il-ħofor ta' l-isbaħ widien,
Ftakart fikom, ja ġonna xemxija,
Raba u xgħari, għaqbiet u sisien,

Ir-raġġ tat-tfulija, ta' ħajja mbierka, bla ħsieb, bla dmugħ, tqajjem tifkiriet ħelwin f'moħħu:

Oh xi żmien! b'dik il-ħajta f'idejja,
Ħarsti msammra fuq tikka ġo s-sħab,
Kont nistħajjel li naħkem is-sema,
U fis-sema kont qisni ninsab.

Għeżież is-snîn tat-tfulija—u min ma' jibkihomx?—imma mhux hekk it-tifkira ta' xi ħadd maħbub li l-mewt ħafnitlek, x'ħin l-aktar kienu jinħtieġulek imħabba u ħbiberija—Għax sew jekk tissaħħaħ fil-barma ta' ġenbejk fl'għoxrin sena ta' ħajtek sew jekk għajjen tinzel bla saħħa, mifluġ taħt it-toqol ta' sebgħin sena, il-mewt ta' missierek jew ommok ma tinsiha qatt. U għal-hekk, qalb dawn it-tifkiriet sbieħ tat-tfulija, il-ħsieb tal-mewt t'ommu inissel f'qalbu dlam u għera, uġieħ, u għal darb'oħra iħoss ruħu mitluq f'dinja xitwija, bla ħbieb, bla omm. Dak il-ħin jgħidilna hu:

F'dik il-għafsa ta' qalb raġa l-ura
Il-ħsieb tiegħi, u il-ħolma spiċċat...
F'xatt il-baħar taħt qamar tal-fidda,
Sibtni WAĦDI fuq xifer il-blat.

Sabiħa fuq li sabiħa wara din tilħaq "*It-tifla tar-raba*", poeżija li fiha Dun Karm jiġbor "tifkiriet ta' San Pawl-il-Baħar u naħiet oħra". Hu, mgħaġġeb għas-saħħa li turi xebba mibruma, ħaddiema tar-raba, niseġ poeżija ta' tifħir maħduma minn l-isbaħ xbihat imfissra b'reqqa ta' kliem safi. Lix-xebba tar-raba li hu jara fuq xogħolha, l-għalqa, xħin "bħal min idejn ta' raġel Tinżel li mgħażqa" jgħidilha kif hi laqtitu fil-ħidma tagħha, bla qatt ma tgħejja, fit-taħbit tal-biedja:

U rajtek, taħt ix-xemx ta' Ġunju, taħsad
Il-qamħ isfar bħad-deheb: rajtek fuq qiegħa,
Bil-baqar ġwejjed, f'nofs inhar ta' Lulju,
Tidres il-ħsada.

Darba kont tiżra. Bajda daqs il-fidda
Kienet għaddejja ġo l-ħamrija is-sikka
Wara il-għoġiela ferħanin, u int miexja
Mar-radda twila

Wara il-moħriet; minn bejn subgħajk il-qabda
Tat-tgħam ixxerred jew ta' żrieraħ oħra,
U minn ġo ħoġrok mimli il-qabda ittenni
U tarġa ittenni.

Ħaġa waħda biss ma togħġobnix f'din il-poeżija; irrid ngħid, il-paragun li għamel bejn it-tifla tar-raba u t-tifla tal-belt. Marda tal-kittieba, u ta' l-aħjar kittieba wkoll hi xi drabi il-liblieba li tgħid xi ħaġa fuq kull ma għandu sehem mas-suġġett, b'hekk jitfittxu sa li rqaqat. Dana fil-poeżija jagħmel ħażin għas-sengħa, li ma tridx tgħabija żejda ta' dettalji imma trid li tkun safja u sabiħa, biex tolqot.

Ġawhra ta' siwi hi l-poeżija "Ġunju" xi ħlewwa, refgħa ta' ħsiebijiet jittajru ma dwar il-ward tal-ħsieb, reqqa ta' kliem imqiegħed bis-sengħa ta' kittieb kbir! Isimgħu x'għana ta' ħelijiet, l-ewwel stanzi, kliem li l-poeta jgħid lix-xahar ta' Ġunju :

Mis-sema sâfi ix-xemx tiżreġ qawwija
Fuq id-djar, fuq ir-raba: il-fewġa sħuna
Ġa bdiet tħabbarna li ma ddumx ma tikwi
L-art taħt riġlejna.

Il-ward li ħeġġeġ bil-miljuni f'Mejju
Beda iħeff u jiċkien: u bil-qasbija
Isewwdu il-ħbula li ftit ilu kienu
Bis-silla iħammru.

Iżda bħal baħar lewn id-deheb imewweġ
Il-qamħ li beda jsir u jimla sewwa:
Dal waqt il-ħsad: dal waqt jirtabtu il-bhejjem
Għal fuk il-qigħa.

*(Jissokta)*

ĠUSÈ AQUILINA